**IN-NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IT-TMIEN KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 8/5 - IL-ĠIMGĦA 18 TA' OTTUBRU 2019**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fis-17.45.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Anne Marie Muscat Fenech Adami | Sindku |
| | Marlon Brincat | Kunsillier |
| | Maryanne Cuomo | Kunsillier |
| | Joseph Spiteri | Kunsillier |
| | Noel Gatt | Kunsillier |
| | Stephen Abela | Kunsillier (wasal 5.54pm) |
| | Mark Anthony Deguara | Kunsillier (wasal 5.55pm) |
| | Ivan Gaffiero | Kunsillier |
| Skużat: | Dr. Christopher Deguara | Viċi Sindku |
| Uffiċjali preżenti: | Paul Gatt | Segratarju Eżekuttiv |
| | Yanika Borg | Uffiċjal Eżekuttiv |

Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) informa li l-laqgħa qed tiġi trażmessa *live* inkluż fuq il-paġna ta' *Facebook*.

**1. QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI**

1.1 Is-SE informa lill-Kunsill li l-Viċi Sindku kien infurmaħ li ma setax jattendi l-laqgħa. Il-Kunsill kien infurmat bir-raġuni u qies l-assenza tiegħu ġustifikabbli.

**2. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

2.1 Is-SE ippreżenta l-minuti tal-laqgħa preċedenti.

2.2 Il-minuti ġew approvati wara proposta mis-Sindku ssekondanta mill-Kunsillier Cuomo. Dawn ġew iffirmati mis-Sindku u mis-SE.

2.3 Il-Kunsillier Spiteri talab kjarifikazzjoni dwar punt 3.2 dwar il-kuntratt ma' GreenPak. Is-SE spejgalu li dan sar skont il-qbil li jekk kemm-il darba GreenPak jagħtu l-konfermi tagħhom pożittivi għal xi dubji li tressqu allura l-kuntratt ikun ikkonfermat.

2.4 Arising min punt 3.6 il-Kunsillier Spiteri staqsa dwar rispons mil-LESA. Is-Sindku informatu li qegħda f'kommunikazzjoni magħhom għal gwardjan ħdejn l-iskejjel.

2.5 Il-Kunsillier Brincat wera' d-diżapunt tiegħu għal mod kif il-gwardjani ġabu ruħhom fil-attività sportiva fl-aħħar ta' Settembru fejn anki ġew tard ħafna.

2.6 Hawnhekk il-Kunsill qabel li ma' jsirx ħlas ta' dawn il-gwardjani minħabba li l-Kunsill ma'ngħatax is-servizz kif mitlub.

2.7 Hawnhekk wasal il-Kunsillier Stephen Abela. Il-ħin kien 5.54pm.

2.8 Fuq proposta tas-Sindku kien hemm qbil li għal laqgħa li ġejja jkunu mistiedna uffiċjali tal-LESA.

2.9 Hawnhekk wasal il-Kunsillier Mark Deguara. Il-ħin kien 5.55pm.

**3.** **KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU**

3.1 Is-Sindku ikkomunikat mal-Kunsill dan li ġej;

3.2 Fit-23 ta' Settembru saret laqgħa ma' CREAID dwar ir-restawr tal-mitħna. Ix-Xogħol se jibda fit-25 ta' Ottubru. Preżenti għal din il-laqgħa kien hemm il-Perit tal-Kunsill, Il-Project Co-ordinator, membru ta' l-istaff, u l-Kunsillier Brincat. Il-Kunsillier Brincat informa li jekk il-proċess isir kif ippjanat, ix-xogħol jibda fil-25 ta' Ottubru

3.3 Fid-29 ta' Settembru saret l-attività b' kollaborazzjoni mal-Football Nursery. Fuq din l-attività ħadmu l-Kunsillier Marlon Brincat u l-Kunsillier Mark Deguara. Din l-attività kienet suċċess kbir u hemm il-ħsieb li tibda ssir kull sena.

3.4 Bejn l-4 u t-8 ta' Ottubru delegazzjoni mill-Kunsill attendiet għal-Maleshevo International Festival fil-Bulgarija. Id-delegazzjoni kienet magħmula mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv, il-Viċi Sindku u l-Kunsillier Gaffiero. Il-Kunsillier Gaffiero informa li din kienet esperjenza mill-isbaħ u rringrazzja lill-Kunsill tal-opportunità.

3.5 Fis-6 ta' Ottubru ġiet organizzata Fun Run b'kollaborazzjoni bejn il-Kunsill tan-Naxxar u s-Simblija Care Home. Il-Kunsillier Mark Deguara ħadem fuq din l-attività.

3.6 Fis-7 ta' Ottubru saret laqgħa dwar ir-restawr tal-Mitħna tal-Għaqba li għaliha kien preżenti l-Kunsillier Brincat. Hawnhekk il-Kunsillier Brincat spjega li jista' jkun hemm xi problemi tekniċi. Ix-xogħol mistenni jibda' fil-25 ta' Ottubru, saret emergency call mill-perit minħabba li partijiet tal-Mitħna huma f' periklu li jikollassaw. Il-Kunsillier Spiteri wera x-xewqa li jkun preżenti f'dawn il-laqgħat.

3.7 Fid-9 ta' Ottubru kellha laqgħa mal-kolletturi tal-iskart li għaliha kienu preżenti s-Sindku, s-Segretarju Eżekuttiv, il-Viċi Sindku u l-Kunsillier Brincat.

3.8 Fl-10 ta' Ottubru attendiet għall-Green Pak Awards. Il-Kunsill rebaħ l-"Outstanding Locality Award", u "Most Innovative Award" u ġie it-tieni fil-"Most Proactive Council award". Għal dawn l-unuri l-Kunsill rebaħ ukoll total ta' Eur1250 li jingħataw fuq proġetti ambjentali.

3.9 Fl-14 ta' Ottubru saru l-intervisti għal-skrivani. Attendew żewġ applikanti li minnhom intgħażel wieħed. Peress li fadal post ieħor vakant għaddejjin f'korrispondenza mall-Jobplus biex joħroġ il-permess biex ngħamlu l-avvżi fil-midja. Il-bord tal-għażla huwa magħmul mis-Sindkku, mil-Viċi Sindku, Il-Kunsillier Cuomo u l-Kunsillier Gatt u s-Segretarju Eżekuttiv. Il-Kunsill qabel mal-għażla.

3.10 Fis-16 ta' Ottubru kellha l-laqgħa tar-Reġjun Tramuntana;

1. Saret preżentazzjoni minn Daniel Azzopardi dwar Culture Projects;
2. Saret preżentazzjoni dwar Legal Aid;
3. Ġiet offruta allokazzjoni ta' Eur500 lil kull Kunsill. Insistiet li l-allokazzjoni għandha tiżdied għal Eur2000 kull kunsill.
4. Giet diskussa s-sistema tal-ġbir ta' l-iskart fuq bażi reġjonali. Intalbet laqgħa mal-Onor. Parnis iżda s'issa m'għandniex data.
5. Talbet li ssir pressjoni mal-LESA biex jiżdiedu l-eco wardens fin-Naxxar.

3.11 Il-Kunsillier Gatt informa li fit-23 u 24 ta' Settembru kien attenda laqgħa fl-AKL dwar l-iskart bħala parti minn proġett Peer-to-peer li sar bejn l-AKL, GreenPak u aġenzija Belġjana. Huwa sab din il-laqgħa interessanti u informattiva u għaliha fl-24 ta' Settembru attenda wkoll is-SE.

3.12 Il-Kunsillier Cuomo infurmat li kienet attendiet għal-laqgħa organizzata mis-Segretarjat Parlamentari dwar il-komunitajiet.

## 4. TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

4.1 Is-SE wieġeb il-mistoqsija tal-Kusnillier Spiteri li tinsab annessa f'A.

## 5. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TA' ĦLASIJIET

5.1 Is-SE ippreżenta r-rapporti finanzjarji.

5.2 Il-Kunsill approva l-lista ta' pagamenti kif annessa f'B, kif ukoll ir-rendikonti tad-dħul u ordnijiet annessi f'Ċ u D rispettivament, flimkien ma' l-infieq mill-Petty Cash f' E. Dan wara proponiment mill-Kunsillier Brincat u sekondat mill-Kunsillier Cuomo.

## 6. RAPPORT MIL-KUMITAT TAL-FINANZI

6.1 Is-SE ppreżenta dan ir-rapport lill-Kunsill. Il-Kunsillier Spiteri iddikjara li ma' jaqbilx ma' punt 5 ta' dan ir-rapport dwar inviti lil rappreżentanti minn Strumyani, Agia u Mornago għall-attivitajiet tal-Milied.

6.2 Is-Sindku talbet li jittieħed vot dwar jekk il-Kunsill għandux iħallas l-akkomodazzjoni għal sitt persuni għal tlett ljieli fi żmien l-attiva tal-Milied. Il-Kunsill kollu qabel minbarra l-Kunsillier Spiteri.

6.3 Dan ir-rapport ġie approvat fuq proponiment tas-Sindku sekondata mil-Kunsillier Brincat.

## 7. RAPPORT MILL-KUMITAT TAT-TALBIET U ILEMNTI

7.1 Il-Kunsillier Cuomo talbet informazzjoni dwar ir-rapport ta' one way f'baħar iċ-Ċagħaq. Is-SE ppreżenta r-rapport lill-Kunsill.

7.2 Il-Kunsill approva dan ir-rapport fuq proponiment tas-Sindku sekondata mil-Kunsillier Brincat.

## 8. RAPPORT FINANZJARJU TA' KULL KWRAT

8.1 Il-Kunsill qabel li dan jiġi diskuss fil-laqgħa li jmiss.

## 9. SOTTOKUMITAT GĦAL BAĦAR IĊ-ĊAGĦAQ

9.1 Il-Kunsillier Cuomo pproponiet lill-Kunsill li l-membri tas-sottokumitat ta' Baħar iċ-Ċagħaq se jkunu is-Sinjuri Evelynn Muscat u Maria Vella. Il-

Kunsillier Gaffiero se jkun qed jgħin fl-attivitajiet filwaqt li l-Kunsillier Deguara se jkun qed jgħin fl-isports.

9.2 Din ġiet sekondata mis-Sindku u għaddiet *nem con*.

**10. IMPJIEG U PROMOZZJONI TA' IMPJEGATA**

10.1 Il-Kunsill qabel dwar dan fir-rapport tal-Kumitat tal-Finanzi.

**11. JUM IN-NAXXAR - ĠIEĦ IN-NAXXAR**

11.1 F'dan il-ħin is-SE skuża ruħu mal-pubbliku li kien qed isegwi l-laqgħa minħabba li kienu se jintfew il-mikrofoni. Il-Ħin kien 6.35pm.

11.2 Il-Kunsillier Brincat ippropona persuna għal din is-sena Ġieħ in-Naxxar. Din mhux qed tissemma fil-minuti minħabba li trid tibqa sorpriża.

11.3 Is-Sindku ssekondat lill-Kunsillier Brincat u l-Kunsill qabel.

11.4 Proposti ta' ismijiet għal-unuri oħra se jintbagħatu bl-imejl lis-SE.

11.5 Il-mikrofoni inxtegħlu fis-6.41pm.

**12. L-ATTIVITÀ TAL-MILIED**

12.1 L-istedina ta' delegazzjoni barranija ġiet diskussa u approvata waqt il-kumitat tal-finanzi.

12.2 Il-Kunsillier Gaffiero informa lill-Kunsill li wasal fl-aħħar fażijiet ta' koordinazzjoni ta' din l-attività. Is-SE irringrazzja lill-Kunsillier Gaffiero tal-kontribut siewi tiegħu għal din l-attività.

**13. PROĠETT TA' KTIEB ĠDID TAN-NAXXAR**

13.1 Dan ġie diskuss u approvat waqt il-kumitat tal-finanzi.

**14. STRATEĠIJA TAL-INDAFA**

14.1 Il-Kunsillier Brincat ippropona li spazji żgħar li huma pubbliċi għadhom jiġu msebħa. Huwa talab lill-kunsill biex jibda jaħdem fuq din l-istrateġija minħabba li l-pjan kien li din tibda f'Ottubru.

14.2 Hawnhekk il-Kunsillier Brincat ressaq mozzjoni biex jitneħħew is-sett ta' Bring in Sites fi Triq il-Qoton. Il-Kunsill ħa vot.

14.3 Il-Kunsillieri Brincat, Cuomo u Gatt qablu ma din il-mozzjoni; Il-Kunsillieri Deguara, Spiteri, Gaffiero u s-Sindku ivvotaw kontra; Il-Kunsillier Abela astjena.

**15. TMIEN IL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS**

15.1 Il-Laqgħa ntemmet fis-19.20. Il-Laqgħa li jmiss se ssir fil-20 ta' Novembru fis-17.45.

| | |
|---|---|
| **ANNE MARIE MUSCAT FENECH ADAMI** | **PAUL GATT DIP.MGMT (HENLEY), MIM** |
| **SINDKU** | **SEGRETARJU EŻEKUTTIV** |